# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2001**

**Numru  2**

**Citaz.  numru:  425/81 JSP**

**Paul Agius u Guido Agius**

**vs**

**Michael Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Ottubru 1996 li tghid:

"Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ippremettew:-

"Illi l-atturi Paul Agius u Guido Agius huma l-proprietarji ta' l-art maghrufha bhala "Ic-Cens ta' Target Ghomor" "Ta' Wied il-Ghasel" fil-kuntrada ta' Wied il-Ghasel tal-kejl superficjali ta' cirka hamest itmiem u tmiss mal-Lvant ma' spazju pubbliku, minn Nofsinhar ma' beni tal-Gvern

ta' Malta gia' tal-Gvern Imperjali u mill-Punent ma' bini ta' Giuseppi Vassallo jew successuri tieghu;

Illi l-imsemmija art ipperveniet lill-atturi mill-wirtijiet tal-mejjet Pietro Paolo Debono li miet fis-6 ta' Novembru 1956 u tal-mejta Genoveffa Agius li mietet fit-18 ta' Settembru 1979 kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta' divizjoni tat-28 ta' Jannar 1956 (Dokument "A") l-arblu geneologiku (Dokument "B"), testment ta' l-istess Pietru Paolo Debono tas-7 ta' Lulju 1945 (Dokument "C") u testment ta' Genoveffa Agius tal-11 ta' Marzu 1975 (Dokument "D");

Illi l-konvenut Michael Scicluna qieghed indebitament u minghajr ebda titolu jippretendi li ghandu dritt ta' proprieta' fuq l-imsemmija art jew ghalqa u qieghed jivvanta dan id-dritt;

Talbu li dina l-Qorti tiddikjara illi l-imsemmija art maghrufa bhala "Ic-Cens ta' Target Ghomor" sive "Ta' Wied il-Ghasel" fil-kuntrada ta' Wied il-Ghasel hija ta' proprieta' esklussiva ta' l-atturi f'kwoti indivizi bejniethom.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:-

"1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi huwa akkwista b'titolu onerus 2/3 indivizi tal-ghalqa in kwistjoni u sussegwentement b'divizjoni li saret wara sentenza fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini tas-7 ta' Jannar 1969 messitu l-ghalqa fl-intier taghha;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru 1982 li bih gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel bhala Perit Legali biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Perit Legali;

Rat ir-rikors tal-konvenut li bih talab li l-Qorti tirrimetti l-process lill-Perit Legali biex jiehu konjizzjoni ta' kuntratt ta' akkwist tal-proprieta' meritu tal-kawza maghmul minn Tommaso Debono, l-awtur tieghu, b'kuntratt tal-25 ta' Awissu 1910 in atti Nutar Francesco Giorgio Schembri, liema talba giet milqugha nonostante l-opposizzjoni ta' l-atturi fir-risposta taghhom;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Ottubru 1989 moghti fuq talba tal-partijiet li bih innominat Perit Tekniku biex jassisti lill-Perit Legali u ghal dan il-fini gie nominat l-A.I.C. Joseph Huntingford fl-14 ta' Mejju 1990;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Perit Tekniku;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Perit Legali verbalizzata fis-seduta tat-3 ta' Mejju 1991 li biha informa lill-Qorti li hu ma kellux x'izid mar-relazzjoni originali tieghu wara li rega' ra l-inkartament u d-dokumenti l-ohra addizzjonali ezibiti mill-kontendenti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezibiti mill-partijiet;

Rat il-verbal li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu mill-Qorti **dikjarazzjoni** illi l-art maghrufha bhala "Ic-Cens ta' Target Ghomor" sive "Ta' Wied il-Ghasel" fil-kuntrada ta' Wied il-Ghasel **hija ta' proprieta' esklussiva taghhom** fi kwoti indivizi bejniethom. Il-konvenut jikkontesta din it-talba u jeccepixxi li hu l-proprietarju ta' l-immobbili meritu tal-kawza u mhux l-atturi.

**Il-fatti skond l-atturi:**

Utili li jigu registrati **l-fatti** li minnhom u fuqhom l-atturi qed jivvantaw it-titolu taghhom kif esposti fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom ghax dana huwa anke ta' rilevanza kbira ghall-konsiderazzjonijiet legali li jehtieg li jsiru mill-Qorti.

"*L-art in kwistjoni kienet originarjament tappartjeni lill-assi ereditarju ta' Marianna Debono li mietet f'Dicembru 1916 u l-wirt taghha ghadda bis-successjoni ab intestato favur is-7 uliedha: Tommaso, Valente, Francesco, Angelo, Pietro Paolo, Giuseppa mart Luca Agius u Salvatore;*

*B'kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-28 ta' Jannar 1956 lill-imsemmi Pietro Paolo Debono messitu l-Porzjoni C, li kienet tinkludi l-ghalqa in kwistjoni (Dokument "A") flimkien ma' arblu geneologiku markat (Dokument "B");*

*L-imsemmi Pietro Paolo Debono miet fis-6 ta' Novembru 1956 u b'testment tieghu li huwa ghamel "unica charta" flimkien ma' martu Maria Debono nee' Micallef fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-7 ta' Lulju 1945 (Dokument "C") peress li miz-zwieg tieghu ma kellux ulied, huwa innomina bhala eredi u proprietarji assoluti ta' gidu kollu lill-atturi Paul Agius u lill-oht dan, u cioe' Genoveffa Agius, f'porzjonijiet ta' nofs indiviz kull wiehed u wahda minnhom;*

*L-istess Genoveffa Agius mietet xebba, mietet fit-18 ta' Settembru 1979 u b'testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tal-11 ta' Marzu 1975, hija halliet b'titolu ta' legat in-nuda proprieta' tal-ghalqa fuq imsemmija a favur ta' l-attur Guido Agius, u l-uzu u l-uzufrutt ta' l-istess fond a favur ta' huwa, ossia l-attur Paul Agius (Dokument "D" - artikolu 3d).*"

L-atturi jissostanzjaw il-fatti minnhom imsemmija b'numru ta' atti pubblici, testmenti u kuntratti li ghalihom ghamlu riferenza, u ghalhekk dawn il-fatti jistghu jitqiesu li gew adegwatament pruvati.

**Il-fatti skond il-konvenut:**

Il-konvenut minn naha tieghu wkoll fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu iddelineja **l-fatti** li fuqhom hu qed jibbaza l-pretensjoni tieghu ghat-titolu fuq l-immobbili meritu tal-kawza. Hu hekk iddikjara:-

"*1. Din l-ghalqa in kwistjoni kienet minn dejjem jircievu l-qbiela taghha Tommaso Debono u sussegwentement uliedu, ammontanti ghal 8/-;*

*2. Mill-1957 'l hawn, il-konvenut zewg Connie nee' Attard kien regolarment jigbor il-qbiela hu f'isem martu u hutha;*

*3. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tad-9 ta' Settembru 1964, akkwista b'titolu onerus u in bona fede 1/3 indiviz tal-ghalqa in kwistjoni fost proprietarjiet ohra minn ghand Annie Debono, Dokument "A";*

*4. B'kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tal-14 ta' Ottubru 1964, huwa akkwista b'titolu onerus u in bona fede 1/3 indiviz iehor tal-ghalqa in kwistjoni oltre proprietajiet ohra Dokument "B" minn ghand Dolores Debono;*

*5. Paul Carachi, Carmelo Attard u Salvatore Sammut kienu akkwistaw 1/3 indiviz tal-ghalqa in kwistjoni oltre proprietajiet ohra b'kuntratt onerus tal-20 ta' Gunju 1967 minn ghand Annunziata Attard;*

*6. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Michele Scicluna vs Paul Carachi et" deciza fis-7 ta' Dicembru 1968 Citazzjoni Numru 802/1967 giet ordnata d-divizjoni tal-komproprieta' kollha bejn il-konvenut u Paul Carachi, Carmelo Attard u Salvatore Sammut skond ir-relazzjoni tal-Perit Oscar Rizzo, u fil-fatt in esekuzzjoni tas-sentenza b'kuntratt ta' divizjoni tas-7 ta' Jannar 1969 atti Vincenzo Maria Pellegrini din l-ghalqa in kwistjoni li fiha tmint itmiem cirka, giet kollha assenjata lill-konvenut Michele Scicluna, Dokument "C";*

*7. Tul dan iz-zmien kollu din baqghet dejjem posseduta in bona fede u animo domini dan iz-zmien kollu.*"

Anke l-konvenut minn naha tieghu issostanzja l-eccezzjoni tieghu b'numru ta' atti pubblici biex jipprova t-titoli li jippretendi li ghandu. Kif fuq accennat wara li l-Perit Legali kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu, il-konvenut ipproduca zewg kuntratti ohra, wiehed datat 1896 u l-iehor 1910 li bihom ried jipprova li l-origini tat-titolu tieghu jmur lura lejn dak iz-zmien b'kuntratt ta' akkwist minn Tommaso Debono.

**Il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali:**

Il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu wasal ghall-konkluzzjoni illi hu kien tal-fehma illi l-konvenut irnexxielu jipprova wiehed biss mit-tlett elementi rikjesti mil-ligi ghall-akkwist tal-proprieta' tramite l-usucapione u cioe' it-titolu tajjeb. Iz-zewg elementi l-ohra cioe' l-bona fide w il-pussess jirrizultaw neqsin. Hu ghalhekk ikkonkluda illi l-eccezzjoni tal-usucapione sollevata mill-konvenut ma setghetx tirnexxi.

Mill-banda l'ohra l-Perit Legali kien tal-fehma illi l-atturi pprovaw li huma proprietarji ta' l-art in kwistjoni permezz tad-diversi atti esebiti. Il-konvenut minn naha tieghu ma attakka ebda wiehed minn dawn l-atti pubblici. Il-Perit Legali kien allura tal-fehma illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha. Kif ga' accennat din ir-relazzjoni saret qabel ma l-konvenut gab ghall-attenzjoni tal-Qorti l-kuntratti tal-1896 u tal-1910 fuq riferiti li bihom jippretendi li konklussivament u bla ebda dubbju issigilla l-prova tat-titolu tieghu billi rrintraccjah ininterrottament ghal dak ta' l-awtur tieghu. Anke jekk il-Perit Legali ulterjorment irrelata illi dawn il-kuntratti bl-ebda mod ma iddevjawh mill-konkluzzjonijiet originali tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Il-Qorti ezaminat sewwa l-atti tal-kawza u bir-rispett kollu lejn il-Perit Legali waslet ghall-konkluzzjoni ben diversa minn dik li wasal ghaliha hu. Fl-ewwel lok hu ovvju ghall-Qorti illi l-process kollu gie spustat mill-binarji gusti tieghu meta l-enfazi fil-provi gie mixhut fuq li l-konvenut jistabbilixxi t-titolu tieghu ghall-proprieta'. Dana minflok li l-atturi li qed jallegaw fl-ewwel lok li huma l-proprietarji jaghmlu huma din il-prova definittiva tat-titolu taghhom.

Kien jispetta lill-Perit Legali li qabel xejn jiddetermina x'tip ta' azzjoni kienu qed jasperixxu l-atturi ghax kien jiddependi mir-risposta ghal dan il-kwezit mhux biss min kellu fl-ewwel lok jaghmel il-prova tat-titolu imma wkoll x'kien il-grad tal-prova illi l-atturi kien jehtiegilhom li jaghmlu biex ikollhom success fl-azzjoni taghhom. Dan l-ispustament fil-logistika tat-trattazzjoni tal-kawza li effettivament zvija lil kulhadd mill-punt kardinali tal-kawza li huwa li kienu l-atturi li kellhom qabel xejn jippruvaw it-titolu taghhom b'mod konklussiv ghax kienu huma li qeghdin jallegaw tali titolu sehh kmieni hafna fil-kawza. Infatti dan gara fl-ewwel nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi li fiha huma issottolinejaw in-nuqqasijiet, fil-fehma taghhom, tat-titolu tal-konvenut u illimitaw il-provi dwar it-titolu taghhom ghal rassenja tal-kuntratti u testmenti minnhom ezebiti. Kien jehtiegilhom infatti jghatu ferm aktar attenzjoni lill-verifika tat-titolu taghhom ta' proprieta' konsidrat in-natura ta' l-azzjoni illi huma qed jittantaw.

**<u>In-natura ta' l-azzjoni:</u>**

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-azzjoni esperita hi l-"*actio rei vendicatoria*". L-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni ta' proprieta' in virtu' u bis-sahha tat-titolu li huma jsostnu li ghandhom minn awturi ben precizi. Qed jirrivendikaw il-proprieta' taghhom minn ghand il-konvenut li huma stess jippremettu li qieghed jippretendi xi dritt fuqha. Din l-azzjoni ghandha zewg estremi: (1) li l-atturi jipprovaw li ghandhom dominju fuq il-haga u li akkwistaw dak id-dominju legittimament; u (2) li l-konvenut jippossjedi dik l-istess haga. Il-Qorti tikkonsidra:-

1. Hu assodat fid-dottrina illi min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbili - jigifieri l-attur -

"*ghandu d-dover li qabel xejn iehor jipprova l-proprieta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir dik il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza.*" (Vol. XXIX - P. II - p.488).

Dana proprju ghaliex l-azzjoni ma hijiex legata mal-pussess ta' l-attur w il-molestja tieghu imma fuq ir-rivendika tad-dritt ta' proprieta' ta' immobbili li fuqu l-konvenut ikun materjalment avvanza jeddijiet li

jikkontestaw tali dritt lill-atturi kif f'din il-kawza dawn ta' l-ahhar qed jippretendu.

"*L'attrice, appoggiando la sua odierna azione al diritto di proprieta', era nell'obligo, giusta la notissima regola che l'attore deve provare i fatti necessarii per stabilire la sua domanda,* ***di dimostrare che la detta persona n'era veramente proprietaria***" (Decizjoni 369 - Appell - 4 ta' Dicembru 1879 - Cassar vs Trevisan).

2. Dan ghaliex l-azzjoni tentata tippresupponi illi l-atturi qed jirrizentixxu l-fatt li il-konvenut qed jippretendi li hu l-attwali possessur ta' l-immobbili. Hu ghalhekk illi l-konvenut, indipendentement minn natura tal-pussess tieghu li f'dan il-kaz jivvanta li hu wkoll bazat fuq titolu ta' proprieta' in kontestazzjoni allura ma' dak ta' l-atturi:

"*ghandu dritt illi jirrikjedi l-ewwel nett il-prova tal-proprieta' mill-parti tar-rivendikant.*"
(Abela vs Gauci - Vol. VIII - p.367).

U hu proprju ghalhekk illi jekk jirrizulta li hemm l-inqas dubbju dwar it-titolu pretiz mir-rivendikant u l-proprieta' tieghu, "*l-Qorti ghandha ssostni lill-possessur*". Anke jekk b'dan biss naturalment ma tkunx qieghdha tiddikjara li l-istess possessur ghandu hu minn naha tieghu **xi dritt ta' proprieta'** fuq l-immobili de quo;

3. Tajjeb li jigi sottolinejat li l-atturi qed jirrivendikaw l-immobbili b'titolu ta' proprieta'. Ma humiex qed jivvantaw pussess ahjar minn dak tal-konvenut u lanqas jippretendu li t-titolu ta' proprieta' taghhom hu aqwa minn dak tal-konvenut. It-termini ta' l-azzjoni **kif proposta** allura ma tippermettiex li tigi wkoll konsidrata bhala Actio Publiciana li kienet altrimenti tippermetti ezami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti u li kienet tghati lill-Qorti l-fakolta' li tiddeciedi min mill-kontendenti fil-fehma taghha kien l-aktar wiehed gustifikat li kellu **l-ahjar** titolu fuq il-pussess minghajr htiega tal-prova konklussiva w inattakkabbili tat-titolu ta' proprieta'.

"*Fid-Dritt Ruman kien hemm minbarra minn l-"actio reivendicatoria" li ghaliha mehtiega il-prova tad-dominju f'min iqanqalha, ukoll l-"actio publiciana" li ghaliha hija mehtiega il-prova biss tal-pussess f'min iqanqalha ahjar mill-pussess ta' l-imharrek. Milli jidher l-"actio publiciana"*

*mhux biss ghadha issehh fostna"* (giet abolita fil-Kodici Taljan) "*izda tinghaqad f'citazzjoni wahda ma' l-azzjoni reivendikatorja.*"
(Vol. XXIX - P. II - p 488).

Fil-kaz in ezami dan ovvjament ma hux il-kaz ghax bl-ebda mod ma jistghu t-termini ta' l-azzjoni kif proposti mill-atturi jitwessghu biex jinkorporaw l-azzjoni publiciana. Dan hu rilevanti **ghall-fini tal-grad tal-prova li jehtiegilhom jghamlu l-atturi.**

**Il-grad tal-prova:**

Il-grad tal-prova fl-"actio reivendicatoria" hi grafikament deskritta mill-awturi bhala l-"prova diabolika" tant hu mehtieg li din tkun univoka u konklussiva.

"*Estremi ta' l-azzjoni rivendikatorja huma: (1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu id-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li huwa akkwista dak id-dominju legittimament; u (2) li l-konvenut ikun jippossjedi dik il-haga;*"

"*Dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun piena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant ma jurix titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jghamilx din il-prova, il-konvenut ma ghandu bzonn jipprova xejn, ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, il-possessur tal-haga ma ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi lanqas huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant.*"
(Vol. XXXV - P. II - p.518).

Hu ghalhekk li kien zbaljat il-metodu ta' prova adoperat f'din il-kawza li kien kollu immirat biex jigi investigat u stabbilit it-titolu pretiz mill-konvenut. Dana qabel ma kien gie investigat u stabbilit sodisfacentement u bla dubbju **it-titolu ta' proprieta' ta' l-atturi.**

"*In vano il rivendicante invoca un atto di vendita'. Questo atto prova che il venditore gli ha trasmessi i diritti che aveva sulla cosa; ma per trasmettere la proprieta' bisognia essere proprietario: il rivendicante dunque deve*

*provare che il suo autore era proprietario*".
(Laurent Vol VI para 159)

"*......L'attore si trova cosi costretto a stabbilire che il suo autore immediato era proprietario*".
(Baudry-Lacantinerie - Beni para 235).

"*Din il-prova l-attur ma ghamilhiex u kwindi il-kuntratt minnu prodott u li fuqu huwa qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu ma huwiex sufficjenti ghal dan l-iskop. Il-kuntratt prodott huwa titolu imma huwa maghruf li t-titolu ma huwiex haga ohra hlief presunzjoni li dejjem u specjalment f'kaz ta' rivendikazzjoni, trid tigi pruvata.*"
(Vol. XXV - P. II - p.518).

"*La prova della proprieta', si e' detto, deve essere completa perche' l'attore, rivendicando, pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il giudice ha il dovere di pretendere la prova piena, non essendo sufficiente che l'attore dimostri di avere un titolo piu' forte di quello del convenuto*". (Giurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale - Walter Bigiavi - p. 865 et seq.)

Hu pacifiku illi t-titolu ta' l-akkwist jista' wkoll jkun dak ta' l-usucapioni trentennali akkwisittiva w anke:

"*In dottrina e' ormai principio indiscusso che anche l'usucapione abbreviata (decennale), seppure fondata su di un titolo derivativo di acquisto, costituisce mezzo di acquisto originario della proprieta'.*" (Bigiavi - ibid pp. 881).

Pero' ghalkemm ir-rivendikant jista' juri li hu akkwista l-proprieta' tramite usucapione decennali huwa mehtieg li l-atturi javvanzaw dan it-titolu bhala dak li fuqu jkunu qed jakkampaw id-dritt taghhom ta' proprieta', haga li b'din l-azzjoni l-atturi ma ghamlux in kwantu huma adducew titolu preciz ta' proprieta' li il-Qorti hi tenuta li tinvestiga u li ma hux lilha konsentit li tindaga oltre.

**<u>It-titolu ta' l-atturi:</u>**

L-atturi fil-premessi taghhom fl-att tac-citazzjoni fuq riprodotti jirrintraccjaw it-titolu taghhom li fuqu jistriehu biex jirrivendikaw l-immobbili meritu tal-kawza fuq:

(1) **Testment** ta' Pietru Paul Debono tas-**7 ta' Lulju 1945** li bih dan innomina lill-attur Paul Agius u lill-ohtu Genoveffa Agius bhala unici eredi universali ta' l-assi ereditarju tieghu u li skond l-atturi kien jinkludi l-proprieta' de quo;

(2) **Kuntratt** ta' divizjoni tat-**28 ta' Jannar 1956** li bih din l-ghalqa messet lill-istess Pietru Paul Debono;

(3) **Testment** ta' l-istess Genoveffa Agius tal-**11 ta' Marzu 1975** li bih halliet b'titolu ta' legat in-nuda proprieta' ta' l-istess ghalqa favur l-attur l-iehor Guido Agius u l-uzu u l-uzufrutt a favur ta' l-attur Paul Agius.

Jinghad mill-ewwel illi kuntratt ta' divizjoni wahdu ma jikkostitwix prova ta' proprieta'. "*La divisione, come e' ben noto, ha natura dichiarativa e non gia' attributiva della proprieta': pertanto il rivendicante non soddisfa punto l'onere probatorio a lui incombente fondandosi sull'atto di divisione, occorrendo invece dimostrare il titolo di acquisto della comunione in base al quale il bene gli e' stato attribuito in sede di divisione.*"
(Bigiavi ibid. p. 883 et seq).

Mill-banda l-ohra z-zewg testmenti li huma l-element l-iehor li fuqhom jistriehu l-atturi biex jippruvaw id-dritt taghhom ta' proprieta' fuq l-immobbili huma certament titoli derivattivi in kwantu ma jistabbilixxux illi t-testatur awtur taghhom kien effettivament il-proprietarju ta' dak li halla fl-eredita' tieghu imma biss li a sua volta huwa kellu pretensjoni ta' proprieta' fuq l-immobbili. Dan bl-ebda mod ma jeskludi li haddiehor seta' kellu wkoll l-istess pretensjoni kif jirrizulta f'dan il-kaz li ghandu l-konvenut. Kien allura jispetta lill-atturi li jindagaw oltre t-titolu taghhom u jistabilixxu meta u kif l-proprieta' kienet ghaddiet definittivament ghand l-awturi taghhom b'att traslattiv tal-proprieta' minn ghand min kellu d-dritt li hekk jitrasferiha.

"*Se il titolo di acquisto della proprieta' invocato dal rivendicante e' derivativo, la prova della proprieta'* ***non e' raggiunta*** *con la semplice esibizione del titolo che trasferisce il dominio al rivendicante, giacche' occorre anche dimostrare che l'alienante aveva il potere di disporre del diritto e cosi via sino a risalire ad un dante*

*causa remoto di cui si possa dimostrare l'acquisto a titolo originario.*"
(Bigiavi - ibid. pp. 885).

Din il-prova l-atturi naqsu li jghamluha. Dana indipendentement ukoll minn cirkostanzi ohra li joholqu certa incertezza anke fuq il-validita' u konsistenza tat-titolu minnhom avanzat bhal per ezempju l-fatt illi fit-testment ta' Pietru Paul Debono tas-7 ta' Lulju 1945 ma ssir l-ebda riferenza specifika ghall-proprieta' meritu ta' din il-kawza billi b'dak l-att it-testatur istitwixxa biss bhala eredi universali tal-wirt tieghu lill-attur Pawlu Agius u lill-ohtu Genoveffa fi kwoti ndaqs bejniethom. Ma hijiex allura id-data tal-1945 illi ghandha tittiehed bhala s-sena li fiha l-awtur ta' l-atturi jista' jitqies li kellu pretensjoni ta' proprieta' fuq l-immobbili.

Jigi notat illi t-trasferiment causa mortis sar meta miet Pietru Paul Debono fis-**6 ta' Novembru 1956**. Dan ifisser li sar:-

1. **Wara** l-kuntratt ta' divizjoni tat-**28 ta' Jannar 1956** li bih il-proprieta' giet assenjata lill-istess Pietru Paul Debono;

2. **Anqas** minn tletin sena mid-data tal-prezentata tal-prezenti istanza.

L-ewwel cirkostanza hi rilevanti ghax tistabbilixxi illi l-proprieta' bdiet tidher fl-assi ta' l-awtur ta' l-atturi qabel il-mewt tieghu u konsegwentement l-atturi jistghu jargumentaw illi ghalkemm it-testment tal-1945 ma kien jaghmel ebda riferenza ghall-proprieta' in kwistjoni ma jistax ikun hemm dubbju li din kienet fl-assi ereditarju tieghu meta miet Debono.

It-tieni cirkostanza hi rilevanti ghall-fini tal-usucapione trentennali ghax tistabbilixxi li f'kull kaz dan it-terminu kien ghadu ma ddekorriex sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Anke jekk dan it-titolu, kif inghad, mhux qed jigi avvanzat mill-atturi f'din l-istanza.

Sewwa li jigi notat illi l-Perit Legali jirrikonoxxi l-validita' ta' bosta mill-konsiderazzjonijiet fuq maghmula w infatti accenna ghalihom biex jinnewtralizza diversi stadji mit-titolu avvanzat **mill-konvenut** fosthom sentenza ta'

divizjoni ta' ko-proprieta' li biha dan jippretendi li l-immobbili de quo giet assenjata kollha lilu. Il-Qorti ma tarax ghaliex dan l-ezercizzju l-Perit Legali ma ghamlux ukoll u qabel kollox biex jivverifika l-validita' u s-solidita' tat-titolu avvanzat mill-atturi. Kien tenut li hekk jaghmel qabel kollox ghax kif fuq spjegat il-konvenut ma kien jehtieglu jaghmel xejn sakemm l-atturi ma jipproducux provi adegwati biex jissuffragaw il-premessi ghat-talbiet taghhom u jistabbilixxu t-titolu taghhom ghall-proprieta' bla ebda ombra ta' dubbju.

Il-Qorti ma tistax allura taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali w ir-rapport tieghu mhux qed jigi adottat.

Il-Qorti ghalhekk, konsidrata l-incertezza tat-titolu ta' l-atturi li ma giex pruvat adegwatament, tasal ghall-konkluzzjoni illi l-atturi ma ippruvawx it-titolu taghhom ta' proprieta' **<u>fuq il-premessi minnhom avvanzati ghat-talbiet</u>** rivendikatorji taghhom u konsegwentement ma hux mehtieg illi tindaga oltre dwar il-validita' tat-titolu vantat mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tirrespingi t-talba ta' l-atturi bl-ispejjes kontra taghhom."

Illi permezz ta' rikors ta' appell prezentat fit-18 ta' Otturbru, 1996, l-atturi interponew appell minn din is-sentenza u l-aggravji taghhom kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

*"1.1 Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qort.i (f.pagna 13 tas-sentenza appellata) ikkonkludiet.illi l-azzjoni esperita hi l-'actio rei vindicatoria', fil-fatt. l-azzjoni esperita hi l-'actio negatoria'.*

*1.2 L-awtur Taljan Domenico TRAMONTANA, "Diritto Privato", volume primo, p. 225, jghid hekk:*

*"Azione negatoria.*

*E' l'azione con cui il proprietario tende al disconoscimento di diritti affermati da altri sulla cosa. In questa sua prima forma e. un'azione di mero accertamento, ossia una azione con cui non si mira a far condannare il convenuto a una prestazione, bensi' solo a far dichiarare il proprio diritto dal giudice.*

*L'attore deve provare:*

*a) il proprio diritto di proprieta' (nei modi gia' visti)'*

*b) l'afferrmazione, che il convenuto abbia fatta, di essere lui titolare di un diritto sulla cosa (sia del diritto di proprieta', sia di un altro diritto reale). Occorre che questa affermazione sia stata fatta in circostanze tali che il proprietario abbia motivo di temerne pregudizio (art. 949).*

*L'azione negatoria puo' diventare un'azione non piu' di mero accertamento ma di condanna, quando alla semplice affermazione del suo diritto il convenuto abbia fatto seguire turbative o molestie: per esempio, abbia raccolto i frutti della cosa in base al preteso suo diritto di usufrutto. 1l convenuto puo' essere condannato allora a cessare le molestie e a risarcire il danno."*

*1.3 Issa fic-citazzjoni taghhom l-esponenti talbu lill-Onorabbli Qorti Civili:*

*"...... Illi l-konvenut Michael Scicluna qieghed indebitament u minghajr ebda titolu jippretendi li ghandu dritt ta' proprjeta' fuq l-imsemmija art jew ghalqa u qieghed jivvanta dan id-dritt.*

*..... tiddikjara illi l-imsemmija art maghrufa bhala "Ic-Cens ta' Target Ghomor" sive "Ta' Wied il-Ghasel" fil-kontrada ta' Wied il-Ghasel hija ta' proprjeta' eskluziva ta' l-atturi fi kwoti indivizi bejniethom."*

*1.4 Ma jistax ikun hemm dubju, ghalhekk, illi l-azzjoni esperita kienet l-"actio negatoria", u mhux l-azzjoni reivindicatoria kif gie erroneament ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti.*

*2.1 Wiehed jasal ghall-istess konkluzzjoni, cioe' li l-azzjoni ezercitata mill-esponenti hija l-azzjoni negatorja, meta wiehed jikkonsidra l-insenjament ta' Mario D'ANTINO, "88 Temi Svolti di Diritto Civile", p. 228, dwar "la negatoria":*

*"Ha lo scopo di tutelare la pienezza del diritto di proprieta' sulla cosa con la liberta' dai pesi o dalle servitu' pretese da altri sulla stessa. L'azione si puo' esercitare naturalmente soltanto quando dall'altrui pretesa vi sia motivo per temere un pregudizio. E' sufficiente che il proprietario dia la prova del suo dominio; spettera eventualmente al convenuto la dimostrazione dell'esistenza di un valido fondamento giuridico della sua pretesa. Se il proprietario rimarra' vincitore, avra' ottenuto una tutela definitiva, e non provvisoria quale gli sarebbe derivata esercitando invece l'azione possessoria di manutenzione. Si chiama confessoria l'azione con la quale un terzo afferma un diritto reale speciale sulla cosa; ma la negatoria puo' esercitarsi anche di fronte a una pretesa non giudiziale del terzo."*

*(sottolinear ta' l-esponenti)*

*3.1 Illi, anki kieku kellu jigi ritenut (dato non concesso) li l-azzjoni esperita hija l-azzjoni reivindicatoria, ghalkemm is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija tassew studjata u erudita u taghmel riferenza ghal abbondanza ta' giurisprudenza dwar l-"actio rei vindicatoria", fiha bir-rispett kollu valutazzjoni zbaljata tal-posizzjoni legali.*

*3.2 Il-kuntratti u testmenti esibiti mill-esponenti flimkien mac-citazzjoni joholqu prova cara li l-proprjeta' 'de quo' hija taghhom. Ghalhekk, il-prova kuntrarja jrid jaghmilha min qed jallega l-kuntrarju, u mhux huma. Din il-kawza kellha ssir ghaliex il-konvenut qed jivvanta dritt ta' proprjeta' fuq l-art in kwistjoni. Skond il-Kodici ta' Procedura, min jallega jrid jipprova; u ghalhekk, jekk il-konvenut qed jikkontesta l-kuntratti u testmenti esibiti mill-esponenti illi juru li l-art hija tassew ta' l-esponenti, jispetta lilu li jressaq il-prova kuntrarja.*

*3.3 F'kull kawza, huwa l-attur li jrid iressaq il-provi biex jipprova l-kaz tieghu. F'kull kawza, il-konvenut. m'ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm ma jkunx hemm*

*prova "prima facie" li tirrikjedi li huwa jgib il-provi biex jirribattiha. F'dan ir-rigward, l-azzjoni reivindicatoria mhijiex differenti minn kawzi ohra, fis-sens illi l-atturi ressqu l-provi biex juru li l-art hija taghhom - f'dan il-kaz permezz ta' kuntratti u testmenti - u jispetta lill-konvenut li jgib il-prova kuntrarja.*

*3.4 Izda, bir-rispett kollu, dak li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa li skartat u warrbet ghal kollox din ir-regola fondamentali tal-Kodici tal-Procedura Civili u rriteniet illi l-piz tal-prova qieghed unikament fuq l-esponenti. L-Ewwel Qorti donna nsiet li huwa l-konvenut li qed jikkontesta t-titolu ta' proprjeta' tal l-esponenti, li jirrizulta mill-provi dokumentarji mressqa, u li ghalhekk, dejjem skond il-Kodici ta' Procedura , min jallega jrid jipprova. Apparti dak li gie enuncjat fil-giurisprudenza, hemm fuq kollox u qabel kollox dak li nkiteb espressament mil-legislatur.*

*3.5 Tenut kont li l-atturi gabu provi dokumentarji biex jissostanzjaw lil-art hija propjeta' taghhom, ir-regola li kienet tapplika ghall-konvenut bhala l-persuna li qed jivvanta dritt kuntrarju ghal dawk il-provi dokumentarji mressqa mill-atturi, giet migjuba fix-xejn.*

*3.6 L-artikolu 562 jipprovdi illi "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan l-artikolu certament kien japplika ghall-konvenut ukoll (bhal ma kien japplika ghall-atturi, u huma ssoddisfawh). Izda b'dak li gie ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti, il-konvenut gie ezentat mill-applikazzjoni tieghu, anke wara li l-esponenti gabu l-prova dokumentarja li l-art hija taghhom ghax hekk jirrizulta mill-atti u testmenti.*

*3.7 Irid ikun hemm xi stadju meta l- piz tal-prova ma jibqax fuq l-atturi u jhaddi ghal fuq il-persuna li tkun qed tivvanta dritt, biex hija tipprova li tassew ghandha dak id-dritt li hija tivvanta. Dan, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qort m'ghamlitux. Dan huwa d-difett bazilari li fiha s-sentenza appellata.*

*4. Fl-ahharnett, il-prova maghmula mill-esponenti tissodisfa l-vot tal-ligi in kwantu turi li l-esponenti huma tassew il-proprjetarji eskluzivi ta' l-ghalqa 'de quo' . Ikun inutili li wiehed jirrepeti x'hemm fihom dawn l-atti ghaliex*

*dawn iridu jinqraw biex tinghata decizjoni mill-Qorti. Ghandu jigi notat li, kif sewwa qal il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu,*

*"l-atturi pprovaw li huma proprjetarji tal-art in kwistjoni permezz tad-diversi atti ezibiti. Il-konvenut min-naha tieghu ma attakka ebda wiehed minn dawn l-atti pubblici."*

*Ghall-kuntrarju, il-"provi" migjuba mill-konvenut huma tenwi u insufficjenti biex jiskossaw il-provi mressqa mill-esponenti f'dina l-"actio negatoria" minnhom ezercitata.*

*Illi huma ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, thasar u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' t-talba attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.*

Illi fir-risposta tal-appell tieghu l-konvenut appellat espona s-segwenti:-

*"Illi s-sentenza tal-1 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet premessi deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili hija gusta u timmerita konferma.*

*IllI l-kawza fuq imsemmija hija bbazata fuq l-actio rei vendicatoria u mhux fuq l-actio negatoria kif issottometti l-appellant. Tant hu hekk illi l-appellant ghamel il-kawza biex jipprova t-titolu tieghu fuq l-art in kwistjoni u mhux biex jinnega t-titolu tal-konvenut.*

*Illi jirrizulta mill-atti processwali illi l-appellat kien akkwista l-propjeta' fuq imsemmija wara kawza ta' divizjoni deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1969.*

*Illi huwa kien l-amministratur ta' omm il-mara tieghu kif ukoll ta' hut il-mara tieghu u kien jigbor annwalment il-qbiela ta' Lm0.40 fis-sena li kienu jithallsu mill-gabillott.*

*Illi mir-registru tal-familja jirrizulta illi din il-propjeta' kienet fil-familja tal-konvenut u cioe' ta' nies il-mara tieghu mill-inqas mill-1944.*

*Illi mir-ricerki li gew prodotti mill-konvenut jirizulta li din l-art kienet giet akkwistata minn nannu tal-mara tieghu Tumas Debono b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono fl-1910.*

*Illi kif qalet l-Onorabbli Qorti hum al-atturi li jridu jipprovaw it-titolu taghhom u mhux il-konvenut u dan minkejja illi l-konvenut wera bil-provi illi l-art in kwistjoni giet akkwistata minnu b'titolu validu.*

*Ghaldaqstant is-sentenza fuq imsmemmija ghandha tigi ikkonfermata u l-appell odjern respint bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti."*

Illi b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 1998, giet michuda t-talba tal-atturi appellanti fejn huma talbu lill-Qorti tordna li jigu allegati l-atti tac-citazzjoni numru 2141/1930 deciza fit-12 ta' Jannar, 1935, fl-ismijiet 'Carmela Debono vs Pietro Paolo Debono et'.

Illi fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 1998, Dr. Tonio Azzopardi ghall-atturi tratta l-appell u l-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakulta' lil Dr. Edward Debono ghall-konvenut li jipprezenta nota ta' osserazzjonijiet bil-visto tal-kontro-parti li ukoll inghataw il-fakolta' jipprezentaw nota risponsiva.

NOTA TAL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-KONVENUT APPELLAT

Illi l-konvenut jirritjeni li huwa rnexxielu jipprova bl-izjed mod car u ampju t-titolu minn fejn huwa akkkwista l-art in kwistjoni.

Illi l-konvenut appellat inoltre jsostni li mill-atti processwali jirrizult ali bejn l-1958 u l-1964 huwa kien jigbor il-qbiela tal-ghalqa in kwistjoni ghan-nom tal-eredi ta' Tommaso Debono. Huwa prezenta l-ktieb tal-qbiela kif ukoll il-'libro di amministrazione' mizmum minnu.

Illi barra minn hekk il-konvenut appellat produca bhala xhud lil certu Giuseppe Grech u cioe' bin Bertu c-Canki li kien il-gabillott li kien jiehu n-naghag tieghu fl-ghalqa in kwistjoni qabel l-1948.

Illi l-konvenut appellat jghid ukoll li huwa rnexxielu jipprova li bejn l-1948 sal-1964 l-qbiela tal-art in kwistjoni kienet tithallas l-ewwel minn Nazzareno Zarb u sussegwentement minn ibnu Giuseppe Zarb u dejjem thallset lill-eredi ta' Tommaso Debono u cioe' l-antekawza tal-konvenut appellat. Barra minn hekk din l-art dejjem kienet fil-pussess tal-ahwa Debono

u cioe' ulied Tommaso stante li kif jirrizulta mill-atti processwali l-imsemmi Tommaso Debono xtara l-ghalqa in kwistjoni b'kuntratt tal-25 ta' Awissu, 1910.

Illi l-konvenut appellat qabel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sens illi l-konvenut appellat ma kienx tenut iressaq ebda prova sabiex jipprova t-titolu tieghu izda li kienu l-atturi appellanti li kellhom jaghmlu dan.

Illi l-konvenut appellant izda jsostni li nonostante cio' huwa xorta wahda prova t-titolu tieghu permezz tad-divijoni u assenzjoni li kienet saret mill-Prim Awl atal-Qorti Civili fis-7 ta' Jananr, 1969.

Illi l-konvenut appellat jghid li dak li premettew l-atturi fis-sens li l-art in kwistjoni pperveniet lilhom mill-wirt ta' Pietro Paolo Debono u Genoveffa Agius u minn kuntratt ta' divizjoni tat-28 ta' Jannar, 1956, huwa fazull stante li Marianna Debono bieghet l-art in kwistjoni b'kuntratt tas-6 ta' Frar, 1896, fl-atti tan-Nutar Dottor Achille Micallef.

Illi dejjem skond il-konvenut appellat, l-azzjoni esperita mill-atturi hija l-actio rei vendicatoria stante li qed jitolbu

dikjarazzjoni ta' propjeta' u qed jirrivendikaw il-propjeta' taghhom minghand il-konvenut. L-elementi ta' din l-azzjoni huma l-prova fuq id-dominju tal-haga u l-pussess tal-konvenut tal-istess haga. L-azzjoni kif intavolata mill-atturi appellanti m'hijiex bazata fuq l-'actio publiciana' liema azzjoni kienet tippermetti ezami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti u l-Qorti mbaghad kien ikollha l-fakulta' tiddeciedi min mill-partijiet kellu l-ahjar titolu minghajr il-htiega tal-prova konklussiva u inattakkabbli tat-titolu ta' propjeta'.

Illi l-prova ta' dominju mressqa mill-atturi appellanti ma kienux konklussivi u ma ppruvax dan id-dominju stante li kuntratt ta' divizjoni (dak tat-28 ta' Jannar, 1956) ma jirrekax titolu fil-ligi peress li ma jemanax minn titolu oneruz u ghalhekk jikkostitwixxi bis dikjarazzjoni tal-partijiet. Inoltre, t-testmenti ta' Pietro Paolo Debono tas-7 ta' Lulju, 1945, u ta' Genoveffa Agius tal-11 ta' Marzu, 1975, ma jaghmlu ebda riferenza ghall-art in kwistjoni imma huma biss indikattivi tan-nomina tal-eredi hemm stipulati.

<u>NOTA TAL-OSSERVAZZJONIJIET TAL-ATTURI APPELLANTI</u>

1. Li l-art meritu tal-kawza hija msejjha 'Ta Wied il-Ghasel' jew 'Ta Targiet Ghomor'. Tinsab fil-limiti tan-Naxxar.

Kienet tappartjeni originarjament lil MARIANNA DEBONO, mart Vincenzo Debono. Saru diversi trasferimenti sakemm l-art ghaddiet b'wirt ghand Paul u Guido Agius.

2. F'din il-kawza, il-konvenut Michele Scicluna gie msejjah in subizzjoni mill-attur inter alia u qal hekk:-
*"Skond it-tezi tieghi, l-art kienet ta' Marianna Debono, sussegwentemen ta' binha Tommaso Debono ma nafx b'liema titolu …."*

3. Dan ifisser illi t-tezi tal-konvenut:
tmur kontra l-kuntratt ta' divizjoni tat-28 ta' Jannar, 1956, skond liema kuntratt l-art meritu tal-kawza misset lil Pietro Debono u mhux lil Tommaso Debono;
il-konvenut ma jafx b'liema titolu l-art meritu tal-kawza suppost misset lil Tommaso Debono kif qed jigi allegat minnu skorrettement. Jekk ma jafx b'liema titolu, allura kif jista'

jipprova li l-art ghaddiet mingand Marianna Debono ghal fuq Tommaso Debono? Danjirrendi t-tezi tal-konvenut kompletament inattendibbli.

Fuq hekk biss,l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra t-tezi tieghu bhalla wahda monka, skorretta u inattendibbli.

4. Imbaghad, il-konvenut izid jghid li:

*"Jiena naf illi din al-art kienet giet denunzjata fl-intier taghha fis-successjoni ta' Tommaso Debono bin Marianan Debono li miet fl-1937. Dan Tommaso Debona huwa l-awtur tieghi…."*

Din ix-xhieda tal-konvenut hija inveritiera. Mhux bis huwa naqas li jipproduci d-denunzja ta' Tommaso Debono, izda meta l-esponenti marru jivverifikaw jekk kienx minnu dak li jallega l-konvenut, sabu illi fid-denunzja numru 1854/1937 ta' Tommaso Debono, mhuwiex minnu illi l-art 'Ra' Wied il-Ghasel' sive 'Ta Targiet Ghomor' limiti tan-Naxxar giet denunzjata. Ghall-kuntrarju, din l-art giet debitament denunzjata (kif jirrizulta mid. Dok. 'AB' esibit) fin-denunzja li saret wara l-mewt ta' Pietro Paolo Debono.

5. Il-konvenut Scicluna esibixxa kuntratt ta' diisjoni tas-7 ta' Jannar, 1969, fl-atti tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini (fol. 32 et seq. tal-process) li bih huwa allegatament gie assenjat l-art in kwistjoni.

Izda l-abbli Perit Legali wasal ghall-konkluzjoni illi:

*"Wiehed … irid iwarrab l-att ta' divizjoni ta' Jannar, 1969, bhala t-titolu tajjeb rikjest mil-Ligi u jfittex it-titolu anterjuri…."*

6. Ladarba l-art in kwistjoni provenjenti mill-wirt ta' Marianna Debono misset fid-divizjoni tal-1956 lil binha Pietro Paolo Debono, ma jista' qatt ikun korrett illi l-art misset fid-divizjoni tal-1969 lil binha l-iehor Tommaso Debono. Bilfors li sar xi zball, u dan l-izball - kif ser jigi muri - sar meta n-Nutar Paul Pullicino m aghamilx ir-ricerki qabel ma ppubblika zewg kuntratti li bihom il-konvenut suppost akkwista s-sehem ta' tnejn minn ulied Tommaso Debono.

7. Illi biex japplika l-princpju tal-preskrizjoni akkwisittiva invokat mill-konvenut, wiehed irid ikun agixxa bhala sid u in buona fede. Issa l-konvenut f'dan il-kaz, nonostante li ad insaputa tal-esponenti ghamel attijiet bhal lli kieku kien is-sid,

dawn ghamilhom in pjena konoxxenza dwar min kien il-projetarju ta' l-ghalqa, u ghalhekk agixxa in mala fede.

8. L-Ewwel Onorabbli qorti ma qablitx mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali.

9. Fil-Petizzjoni ta' l-Appell taghhom, l-esponenti ttrattaw:-

1). il-punt illi l-azzjoni esperita kienet l-'actio negatoria', u mhux l-azzjoni reivendicatoria kif gie erronjement ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u

2). il-punt dwar 'il-piz tal-prova'.

10. Dwar il-punt illi l-azzjoni esperita hija l-'actio negatoria', intqal hekk fil-Petizzjoni ta' l-appell:-

1.2 L-awtur Taljan Domenico TRAMONTANA, "Diritto Privato", volume primo, p. 225, jghid hekk:

**Azione negatoria.**

E' l'azione con cui il proprietario tende al disconoscimento di diritti affermati da altri sulla cosa. In questa sua prima forma e. un'azione di *mero accertamento*, ossia una azione con cui

non si mira a far condannare il convenuto a una prestazione, bensi' solo a far dichiarare il proprio diritto dal giudice.

L'attore deve provare:

a) il proprio diritto di proprieta' (nei modi gia' visti)'

b) l'afferrmazione, che il convenuto abbia fatta, di essere lui titolare di un diritto sulla cosa (sia del diritto di proprieta', sia di un altro diritto reale). Occorre che questa affermazione sia stata fatta in circostanze tali che il proprietario abbia motivo di temerne pregudizio (art. 949).

L'azione negatoria puo' diventare un'azione non piu' di mero accertamento ma di *condanna*, quando alla semplice affermazione del suo diritto il convenuto abbia fatto seguire turbative o molestie: per esempio, abbia raccolto i frutti della cosa in base al preteso suo diritto di usufrutto. 1l convenuto puo' essere condannato allora a cessare le molestie e a risarcire il danno."

1.3 Issa fic-citazzjoni taghhom l-esponenti talbu lill-Onorabbli Qorti Civili:

'tiddikjara illi l-imsemmija art maghrufa bhala "Ic-Cens ta' Target Ghomor" sive "Ta' Wied il-Ghasel" fil-kontrada ta' Wied il-Ghasel hija ta' proprjeta' eskluziva ta' l-atturi fi kwoti indivizi bejniethom'.

1.4 Ma jistax ikun hemm dubju, ghalhekk, illi l-azzjoni esperita kienet l-"actio negatoria", u mhux l-azzjoni reivindicatoria kif gie erroneament ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

2.1 Wiehed jasal ghall-istess konkluzzjoni, cioe' li l-azzjoni ezercitata mill-esponenti hija l-azzjoni negatorja, meta wiehed jikkonsidra l-insenjament ta' Mario D'ANTINO, "88 Temi Svolti di Diritto Civile", p. 228, dwar "la negatoria":

"Ha lo scopo di tutelare la pienezza del diritto di proprieta' sulla cosa con la liberta' dai pesi o dalle servitu' pretese da altri sulla stessa. L'azione si puo' esercitare naturalmente soltanto quando dall'altrui pretesa vi sia motivo per temere un pregudizio. **E' sufficiente che il proprietario dia la prova del suo dominio; spettera eventualmente al convenuto la dimostrazione dell'esistenza di un valido fondamento giuridico della sua pretesa.** Se il proprietario rimarra'

vincitore, avra' ottenuto una tutela definitiva, e non provvisoria quale gli sarebbe derivata esercitando invece l'azione possessoria di manutenzione. Si chiama *confessoria* l'azione con la quale un terzo afferma un diritto reale speciale sulla cosa; ma la negatoria puo' esercitarsi anche di fronte a una pretesa non giudiziale del terzo."

Imbaghad, dwar il-punt l-iehor tal-'piz tal-prova' fil-Petizjoni ta' l-appell intqal hekk:

"3.2 Il-kuntratti u testmenti esibiti mill-esponenti flimkien mac-citazzjoni joholqu prova cara li l-proprjeta' 'de quo' hija taghhom. Ghalhekk, il-prova kuntrarja jrid jaghmilha min qed jallega l-kuntrarju, u mhux huma. Din il-kawza kellha ssir ghaliex il-konvenut qed jivvanta dritt ta' proprjeta' fuq l-art in kwistjoni. Skond il-Kodici ta' Procedura, min jallega jrid jipprova; u ghalhekk, jekk il-konvenut qed jikkontesta l-kuntratti u testmenti esibiti mill-esponenti illi juru li l-art hija tassew ta' l-esponenti, jispetta lilu li jressaq il-prova kuntrarja.

3.3 F'kull kawza, huwa l-attur li jrid iressaq il-provi biex jipprova l-kaz tieghu. F'kull kawza, il-konvenut. m'ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm ma jkunx hemm prova "prima

facie" li tirrikjedi li huwa jgib il-provi biex jirribattiha. F'dan ir-rigward, l-azzjoni reivindicatoria mhijiex differenti minn kawzi ohra, fis-sens illi l-atturi ressqu l-provi biex juru li l-art hija taghhom - f'dan il-kaz permezz ta' kuntratti u testmenti - u jispetta lill-konvenut li jgib il-prova kuntrarja.

3.4 Izda, bir-rispett kollu, dak li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa li skartat u warrbet ghal kollox din ir-regola fondamentali tal-Kodici tal-Procedura Civili u rriteniet illi l-piz tal-prova qieghed unikament fuq l-esponenti. L-Ewwel Qorti donna nsiet li huwa l-konvenut li qed jikkontesta t-titolu ta' proprjeta' tal l-esponenti, li jirrizulta mill-provi dokumentarji mressqa, u li ghalhekk, dejjem skond il-Kodici ta' Procedura , min jallega jrid jipprova. Apparti dak li gie enuncjat fil-giurisprudenza, hemm fuq kollox u qabel kollox dak li nkiteb espressament mil-legislatur.

3.5 Tenut kont li l-atturi gabu provi dokumentarji biex jissostanzjaw lil-art hija propjeta' taghhom, ir-regola li kienet tapplika ghall-konvenut bhala l-persuna li qed jivvanta dritt kuntrarju ghal dawk il-provi dokumentarji mressqa mill-atturi, giet migjuba fix-xejn.

3.6 L-artikolu 562 jipprovdi illi "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan l-artikolu certament kien japplika ghall-konvenut ukoll (bhal ma kien japplika ghall-atturi, u huma ssoddisfawh). Izda b'dak li gie ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti, il-konvenut gie ezentat mill-applikazzjoni tieghu, anke wara li l-esponenti gabu l-prova dokumentarja li l-art hija taghhom ghax hekk jirrizulta mill-atti u testmenti.

3.7 Irid ikun hemm xi stadju meta l- piz tal-prova ma jibqax fuq l-atturi u jhaddi ghal fuq il-persuna li tkun qed tivvanta dritt, biex hija tipprova li tassew ghandha dak id-dritt li hija tivvanta. Dan, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qort m'ghamlitux. Dan huwa d-difett bazilari li fiha s-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, is-sentenza appellata ghandha tigi revokata. Hemm provi skjaccanti li juru li l-esponenti huma s-siden ta' l-ghalqa in kwistjoni u ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi mhassra.

11. Il-konvenut ikkonferma li z-zewg kuntratti msemmija minnu saru minghajr ricerki.

12. Il-konvenut allega illi Marianna Debono bieghet l-art in kwistjoni lill-Gvern Ingliz b'kuntratt tas-6 ta' Frar, 1896, in atti Nutar Achille Micallef. Izda minn ezami ta' dan l-att tas-6 ta' Frar, 1896, jirrizulta illi mhux biss il-kejl superficjali huwa ta' 1 Tumolo u 1 misura biss filwaqt li l-art de quo hij ata' 5 Tumoli, izda l-konfini wkol huma differenti. Ghalhekk, il-kuntratt tas-6 ta' Frar, 1896, jikkoncerna art differenti.

13. Il-konvenut allega wkoll illi Tommaso Debono kien xtara l-ghalqa in kwistjoni b'kuntratt tal-25 ta' Awissu, 1910, in atti Nutar Franceso Giuseppe Schembri. Izda min ezami ta' dan l-att tal-25 ta' Awissu, 1910, jirrizulta illi mhux biss il-kejl superficjali jeccedi s-7 Tumoli filwaqt li l-art de quo ghandha kejl ta' 5 Tumoli, izd al-art ghandha isem differenti 'Ta Haracoggia' u l-provenjenza hija kompletament differenti, ciuoe' mill-eredita' ta' Dottor Pietro paola Bonavia minflok mill-eredita' ta' Marianna Debono.

Ghaldaqstant it-tezi tal-konvenut hija zbaljata u l-istes konvenut jinsab 'fuori pista'.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-aggravju principali tal-atturi appellanti jikkonsisti principalment fil-fatt li l-ewwel Qorti irriteniet li l-azzjoni proposta mill-atturi appellanti kienet l-'actio rei vendicatoria'. L-atturi appellanti fir-rikors tal-appell u fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom isostnu li l-azzjoni taghhom hija l-'actio negatoria' u mhux l-'actio rei vendicatoria'.

Illi l-atturi appellati ccitaw diversi awturi, fosthom Tramontana u Mario D'Antino, li jispjegaw in-natura tal-'actio negatoria'.

Illi l-'actio negatoria' hija azzjoni li sid jutilizza fejn jitlob il-Qorti sabiex tinnega lill-konvenut drittijiet konsistenti f'servitu' jew pisijiet ohra fuq il-propjeta' tas-sid li l-istess konvenut ikun qed jivvanta. Dan jirrizulta ampjament mill-insenjamentta' Mario D'Antino citat mill-istess atturi appellanti dwar l-'actio negatoria' fejn dan jghid is-segwenti:-

*"Ha lo scopo di tutelare la pienezza del diritto di proprieta' sulla cosa con la liberta' dei pesi o dalle servitu' pretese da altri sulla stessa".*

Illi l-'actio negatoria' m'hijiex intiza sabiex jigu negati drittijiet ta' propjeta' kif qed jippretendu l-attturi appellanti.

Illi fic-citazzjoni l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:-

'tiddikjara illli l-imsemmija art maghrufa bhala 'Ic-Cens ta' Target Ghamor' sive 'Ta' Wied il-Ghasel' fil-kuntrada ta' Wied il-Ghasel hija ta' propjeta' esklussiva ta' l-atturi fi kwoti indivizi bejniethom'.

Illi d-dicitura ta' din it-talba tindika li l-azzjoni proposta mill-atturi hija effettivament l-'actio rei vendicatoria' u ghalhekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward hija korretta.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell huwa respint u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-appellant.

Dep. Reg.